MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2009

Numru. 8/2009

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Anton Pace, iben Marco, imwieled Pieta' fit- 8 ta' Marzu, 1989
u
Adrian Azzopardi, iben Raymond, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1988

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati –
1. talli f'Ħal-Farruġ, Luqa fl-1 ta' Jannar, 2009 f'xi ħin wara nofs in-nhar, flimkien ma persuna oħra kkomettew serq ta' diversi oġġetti minn diversi vettura, liema vettura kien jinsabu ġewwa bitħa privata li tinsab fi Triq Ħal-Farruġ, limiti ta' Ħal-Luqa, liema serq hu kkwalifkat bil-

valur li jeċċedi s-somma ta' €232.94 iżda anqas minn €2,329.37, bil-mezz, kif ukoll bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan sar għad-dannu ta' Carmelo Bianco u/jew persuni oħra;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsara f'diversi vettura, liema ħsara teċċedi €116.47 u dan sar għad-dannu ta' l-imsemmi Carmelo Bianco u/jew persuni oħra;

3. lil Anton Pace, waħdu, talli f'Ħal-Qormi, fl-1 ta' jannar, 2009 għal habta tal-5.00 p.m., iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella ħoloq traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

4. lil Adrian Azzopardi, waħdu, talli sar reċidiv b'sentenza tal-Qorti tal-maġistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li r-refuritva kohha ġiet mogħtija lura u li l-imputati ħallsu d-danni kollha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom. Fil-konfront ta' Anton Pace, rat l-artikoli 261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(b) u 110(2) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €100. Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-karozza tal-marka Toyota, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAF 318, eżebita fl-atti ta' din il-kawża. Fil-konfront ta' Adrian Azzopardi, rat l-artikoli 49, 50,

261(b)(ċ)(g), 263, 267, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.  Minbarra dan tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' €100.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------